


PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġit

29.9.2006

AVVIŻ GĦALL-MEMBRI

Suġġett: L-Implimentazzjoni tal-Baġit 2006 tal-Parlament Ewropew

Jekk jogħġbok sib mehmuż il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet C24-sena finanzjarja 2006.

DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKI INTERNI

Is-Sur Janusz LEWANDOWSKI
President tal-Kumitat għall-Baġit

Suġġett: Talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet C24 - sena finanzjarja 2006

Għażiż Sur Lewandowski,

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 24 u 43 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, jekk jogħġbok sib meħmuż talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet.

Inkun grat lejkk jekk tippreżenta dan l-abbozz ta' trasferiment lill-kumitat tiegħek, jekk hu possibbli waqt il-laqgħa tal-kumitat ta' l-10 ta' Ottubru 2005.

Dejjem tiegħek,

Josep BORRELL FONTELLES

Anness: Talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet C24/2006

I. DESKRIZZJONI

Trasferiment ta' approprjazzjonijiet C24/2006

minn:

Kapitolu 100 "Approprjazzjonijiet proviżorji" - € 8,000,000

sa:

Sotto-suġġett 2007/03 "Tagħmir ta' bini: Brussell" + € 8,000,000

II. STAT TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET skond il-Finics fil-25/09/2006

Approp inizjali ± AB ± trasferimenti	Impenji meħuda	Il-ħlas li sar	Approp disponibbli qabel it-trasferiment propost	Ammont tat- trasferiment propost	Approp disponibbli wara t-trasferiment propost
<u>MINN</u>					
100 "Approprjazzjonijiet proviżorji"					
33,681,580					
- 14,478,000	Trasferiment C2				
- 4,000,000	Trasferiment C8				
- 7,203,580	Pendenti C19				
8,000,000		0	8,000,000	- 8,000,000	0
TOTAL LI GĦANDU JIĠI TRASFERIT BARRA				- 8,000,000	
<u>SA</u>					
2007/03 "Tagħmir ta' bini: Brussell"					
4,135,000					
+ 1,300,000	Trasferiment S13				
5,435,000	2,965,695	324,314	2,469,305	+ 8,000,000	10,469,305
TOTAL LI GĦANDU JIĠI TRASFERIT ĠEWWA				+ 8,000,000	

III. ĠUSTIFIKAZZJONI

2007/03 "Tagħmir ta' bini: Brussell" + € 8,000,000

1. Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri spejjeż għal xogħol ta' tagħmir u affarijiet relatati, b'mod partikulari l-pagamenti lill-arkitetti jew lill-inġiniera. L-ammont allokat għal dan is-sotto-suġġett fil-baġit 2006 huwa ta' € 4,135,000.
2. Meta saret il-votazzjoni fuq il-baġit 2006 fl-ewwel qari tis-27 ta' Ottubru 2005, il-Parlament adotta l-emenda nru. 474, fejn tpoġġew € 8,000,000 mid-€ 19,415,000 mis-sug

ġejt 2007 "Tagħmir ta' bini" fir-riżerva tal-Kapitolu 100 "sakemm tittieħed deċiżjoni finali mill-Bureau għall-kostruzzjoni ta' żewġ kmamar għal laqgħat f'Strasburgu".

L-għan tal-proposta preżenti huwa biex jintalab li jiġu rilaxxati € 8,000,000 mir-riżerva tal-Kapitolu 100 wara li ssir kjarfikazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward taż-żewġ kmamar addizzjonali għal laqgħat f'Strasburgu.

Sfond

3. Meta kienu qegħdin isiru preparazzjonijiet fl-2002 għat-tkabbir sabiex jiġu inklużi 10 Stati Membri ġodda, l-Amministrazzjoni proponiet il-kostruzzjoni ta' żewġ kmamar b'450 post għal laqgħat, kull waħda minnhom b'27 kabina għall-interpreti, fl-ispazju quddiem il-bini Louise Weiss.
4. F'Lulju 2002 il-Bureau ngħata preżentazzjoni tal-pjan u beda konsultazzjonijiet mal-gruppi politiċi.
5. Grupp politiku minnhom wera oppożizzjoni għal pjan ta' kostruzzjoni, u vvota kontra fit-12 ta' Frar 2003. Minn dak in-nhar, il-kwistjoni tħalliet sospiża sakemm ikun magħruf x'inhuma l-ħtiġijiet reali wara t-tkabbir.

Baġit 2006

6. L-Amministrazzjoni m'għadhiex interessata fil-proġett. Għal dan ir-raġuni talbet li ma jsiru l-ebda approprjazzjonijiet għalih fil-baġit 2006. L-appropriazzjonijiet mitluba u mdaħħla fil-baġit 2006 jikkonċernaw proġetti oħrajn ta' bini.
7. Madankollu, matul diskuzzjonijiet dwar il-baġit 2006, fl-ewwel qari tressqet u ġiet adottata l-emenda nru. 474 fis-27 ta' Ottubru 2005 li stipulat li l-€ 8,000,000 mitluba għas-sugpett 2007 għandhom jitqiegħdu fir-riżerva, "sakemm tittieħed deċiżjoni finali mill-Bureau għall-kostruzzjoni ta' żewġ kmamar għal laqgħat f'Strasburgu".
8. L-ammont li b'hekk tqiegħed fir-riżerva fil-bidu kien intenzjonat għall-erba' proġetti li ġejjin li konsegwentement issa ġew blokkjati:
 - tagħmir ta' spazju taħt l-art għall-ħażna fl-indirizz 50-70, rue WIERTZ (implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-13 ta' Diċembru 2004) € 1,600,000
 - estensjoni tal-passaġġ ta' kollegament D4/D5 għall-bini Spinelli (implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tad-9 ta' Ottubru 2002) € 1,600,000
 - tagħmir taż-żona l-ġdida għas-servizzi tas-Sigurtà fil-bini Spinelli (implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tas-16 ta' Diċembru 2002) € 2,000,000
 - tagħmir tal-kċina tal-kantin self-service fil-bini Spinelli, inkluż il-kollegament ma' D5 (implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-8 ta' Ottubru 2003) €

2,800,000

Total

€ 8 000 000

9. Fil-bidu ta' din is-sena, tressqet talba għat-trasferiment ta' l-ammont inkwistjoni mir-riżerva għall-intestatura sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet fir-rigward tax-xogħol ta' tagħmir ippjanat għall-2006.
10. Fuq talba tar-rapporteur, madankollu, it-trasferiment ma sarx, sakemm tittieħed deċizzjoni tal-Bureau fir-rigward tal-kostruzzjoni taż-żewġ kmamar.
11. Fis-26 ta' Settembru 2006 il-Bureau eżamina proposta tal-Viċi President Onesta biex il-proġett ma jibqax għaddej u "*ddeċieda li titwaqqaf formalment il-kostruzzjoni proposta taż-żewġ kmamar għal laqgħat fi Strasburgu*".
12. *Issa li ntlaħqet il-kundizzjoni għall-proponiment tar-rilaxxar tar-riżerva ta' l-appropriazzjonijiet, qed jintalab li t-€ 8,000,000 jiġu rilaxxati mir-riżerva speċifika fil-Kapitolu 100 "Appropriazzjonijiet proviżorji" u jiġu trasferiti għas-sotto-suġġett korrespondenti 2007/03 "Tagħmir ta' bini: Brussell" sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet skedati f'Brussell.*

IV. TALBA MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI DDELEGAT LI QED JIRĊIEVI T-TRASFERIMENT

Nicolas RIEFFEL

Firma :

Data :